



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

---

**2011/2020(BUD)**

8.9.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-Abbozz ta' Baġit 2012 kif modifikat  
mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha  
(2011/2020(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Algirdas Saudargas

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi minħabba l-kriżi ekonomika l-Istati Membri tal-UE u l-Unjoni Ewropea kellhom jieħdu deċiżjonijiet iebesha u jnaqqsu l-baġits tagħhom stess,
- B. billi hu essenzjali li jkun hemm fondi xierqa għal politika ta' komunikazzjoni effikaċi fil-livell Komunitarju u f'dak lokali,
- C. billi r-regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, li se jkun implimentat mill-1 ta' April 2012, jeħtieġ politika ta' komunikazzjoni effikaċi u arranġamenti ta' implimentazzjoni xierqa li għandhom ikunu finanzjati b'mod xieraq,
  1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appropriazzjonijiet baġitarji għall-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet Ewropej li jqis li huma f'livell xieraq;
  2. Japprova ż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-impenji baġitarji għal-linja "Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir", peress li l-mezzi tax-xandir għandhom rwol ewlieni fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni;
  3. Jinnota b'dispaċir li l-appropriazzjonijiet għal-linja baġitarja "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija", li tiffinanzja attivitajiet ta' komunikazzjoni fi sħubija bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, naqsu b'mod kostanti; iqis li għal kuntrarju, meħtieġ, li din il-linja tissaħħa għaliex l-operazzjonijiet ta' komunikazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jaħdmu f'sinerġija ma' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jżidu b'mod sinifikanti l-impatt tat-tixrid tal-informazzjoni u b'hekk tintlaħaq l-akbar udjenza possibbli;
  4. Konxju mill-importanza li ċ-ċittadini jkunu involuti fl-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u tal-ħajja politika b'perspettiva Ewropea, u jqis li hija ħasra li n-nefqa relatata maċ-ċittadinanza kellha titnaqqas; jemmen, għalhekk, li hu meħtieġ li l-appropriazzjonijiet għall-impenji tal-2011 jerġgħu jiġu kif kienu fir-rigward tal-linja baġitarja "Ewropa għaċ-Ċittadini" fl-interess tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-programm;
  5. Konvint bis-sħiħ mill-bżonn li tinholq linja baġitarja ġdida għall-implimentazzjoni tar-regolament dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini, għaliex biex ikun effettiv, dan l-istrument il-ġdida ta' demokrazija parteċipattiva jeħtieġ finanzjament u riżorsi adegwati.
  6. Iqis li mhuwix xieraq li titnaqqas in-nefqa għall-pubblikazzjonijiet diġitali, partikularment fi żmien meta qed jiġu diskussi r-regoli li jirregolaw Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE; ladarba hemm il-possibilità li Il-Ġurnal Uffiċjali jiġi ppubblikat f'format elettroniku biss, jistieden lill-Kunsill iżomm l-appropriazzjonijiet tal-anqas fl-istess livell bħal tal-2011.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.9.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 16 -: 3 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlo Casini, Andrew Duff, Matthias Groote, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, György Schöpflin, Søren Bo Søndergaard, Rafał Trzaskowski, Luis Yáñez-Barnuevo García
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Íñigo Méndez de Vigo, Rainer Wieland
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sajjad Karim